MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 946/2007

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1206/07, għall-Mandat ta’ Qbid numru 1207/07 u għall-Mandat ta’ Deskrizzjoni numru 1208/07 fl-ismijiet:
Raymond **MELI**

vs

David **MELI** f’ismu proprju u kif ukoll bħala direttur u azzjonist għan-nom u in rappreżentanza ta’ Meliton Group Limited.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq b’urġenza fis-7 ta’ Settembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, David Meli *proprio* u *nomine*, talab li din il-Qorti (a) tisma’ r-rikors b’urġenza; (b) tħassar il-Mandati kawtelatorji ta’ Sekwestru, Qbid u Deskrizzjoni maħruġin kontrih fil-kwalita’ tiegħu fuq imsemmija mill-intimat eżekutant

Raymond Meli fit-13 ta' Awissu, 2007, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(a)(b)(ċ)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) tordna li ma ssir l-ebda esekuzzjoni oħra tal-mandati kawtelatorji fid-dar fejn joqgħod ir-rikorrent esekutat; (d) tikkundanna lill-istess eżekutant iħallsu penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(a) u (d) tal-istess Kodiċi; u (e) f'każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmija Mandati, li torbot lill-istess intimat eżekutant biex iressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Settembru, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-20 ta' Settembru, 2007;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Settembru, 2007, li bih ordnat li s-smigħ tar-Rikors jitkompla quddiem il-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża biex tistħarreġ il-kwestjoni ta' bejn il-partijiet fil-mertu;

Rat li l-atti nġiebu quddiem din il-Qorti kif presjeduta waqt is-smigħ tas-27 ta' Settembru, 2007, f'liema smigħ l-intimat eżekutant Raymond Meli laqa' n-notifika tal-atti u talab li jingħata żmien biex iressaq ir-Risposta tiegħu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fl-4 ta' Ottubru, 2007, li biha laqa' għat-talbiet tar-rikorrent eżekutat billi miera waħda waħda r-raġunijiet li għalihom tressqu l-istess talbiet;

Rat in-Nota mressqa mill-partijiet flimkien fl-4 ta' Ottubru, 2007[1], li biha talbu li din il-Qorti ma tagħti l-ebda provvediment minħabba li kienu qegħdin jippruvaw jaslu f'arranġament bejniethom;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-11 ta' Ottubru, 2007, tal-24 ta' Ottubru, 2007 u tat-8 ta' Novembru, 2007, li bih reġgħu tennew it-tagħrif tagħhom li kienu għadhom qegħdin jipprovaw jittransiġu;

[1] Paġ. 20 tal-inkartament

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta’ Jannar, 2008, li bih, għalkemm il-partijiet kienu għadhom qegħdin f’taħdidiet għal ftehim bonarju, intweriet ix-xewqa li l-Qorti tagħti l-provvediment tagħha dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tat-tliet Mandati kawtelatorji li għalihom jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta’ Frar, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent irid li jitneħħew l-effetti ta’ tliet Mandati kawtelatorji maħruġa mill-intimat kontrih, kemm f’ismu proprju u f’isem il-kumpannija li hu u l-istess intimat huma l-azzjonisti tagħha;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent *proprio* u *nomine* bħala dawk li għalihom qiegħed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tiegħu huma: (a) li l-imsemmija mandati kawtelatorji ma għadhomx iżjed fis-seħħ; (b) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandati m’għadhiex fil-fatt teżisti; (ċ) li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant; (d) li l-ammont mitlub fil-Mandati mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (e) fiċ-ċirkostanzi, m’huwiex raġonevoli li l-Mandati jibqgħu fis-seħħ;

Illi, b’żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimat eżekutant jiġi ordnati jħallsu penali u li jagħti garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtih, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li ’l quddiem huwa jista’ jkun kundannat li jħallas lir-rikorrent eżekutat minħabba l-ħruġ tal-istess Mandati. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba. Fl-aħħarnett, qiegħed jitlob ukoll li jekk kemm-il darba l-Qorti ma ssibx li għandha tordna t-tħassir

tal-Mandati, l-intimat għandu jkun ordnat iressaq garanzija tajba biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u għad-danni u mgħax;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandati;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandati relattivi nħarġu kontra r-rikorrent, kemm f'ismu proprju u kif ukoll fil-kwalita' tiegħu ta' direttur u azzjonist tal-kumpannija Meliton Group Limited. Dawn il-Mandati kienu Mandat ta' Sekwestru (Numru 1206/07), Mandat ta' Qbid (Numru 1207/07) u Mandat ta' Deskrizzjoni (Numru 1208/07) u nħarġu kollha fit-13 ta' Awissu, 2007. Il-Mandat ta' Sekwestru kien notifikat lil seba' sekwestratarji – erba' minnhom banek kummerċjali. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' tliet mija u ħamsin elf lira Maltin (Lm 350,000)[3] u l-kawżali tirreferi għal "sehem ir-rikorrenti fis-soċjeta' u fin-negozju Meliton Group Limited, danni sofferti u somom oħra dovuti lilu f'każ ta' eventwali xoljiment u stralċ, kalkolati għall-fini ta' dan il-Mandat". Tlieta mis-sekwestratarji wieġbu dwar it-talba fil-Mandat;

Illi l-Mandat ta' Qbid ukoll inħareġ għall-imsemmi kreditu u bl-istess kawżali. Intalbet l-eżekuzzjoni tiegħu fid-dar fejn jgħix ir-rikorrent eżekutat u kif ukoll f'fond kummerċjali li jinsab fil-Qasam Industrijali tal-Imrieħel. L-eżekuzzjoni fid-dar tar-rikorrent saret fit-23 ta' Awissu, 2007. L-eżekuzzjoni fil-fond tal-Imrieħel ma setgħetx issir minħabba li r-rikorrent iddikjara mal-marixxall li hu ma kellux iċ-ċwievet tal-post. B'degriet tat-30 t'Awissu, 2007, fuq talba magħmula b'rikors tal-intimat eżekutant, il-Qorti ordnat l-isgass tal-imsemmi post biex tkun tista' ssir l-eżekuzzjoni. B'rikorsi mressqin fit-30 ta' Awissu, 2007, u

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[3] Ekwivalenti għal € 815,280.70 fi flus tal-lum

11 ta' Settembru, 2007, ir-rikorrent eżekutat talab lill-Qorti żżomm milli ssir l-eżekuzzjoni fl-imsemmi fond kummerċjali. Dawk it-talbiet ma ntlaqgħux b'degriet tat-12 ta' Settembru, 2007. Fl-14 ta' Settembru, 2007, saret l-eżekuzzjoni f'dak il-post kummerċjali wkoll;

Illi l-Mandat ta' Deskrizzjoni ukoll inħareġ fit-13 ta' Awissu, 2007, u l-eżekuzzjoni ntalbet li ssir f'erba' postijiet, jiġifieri fid-dar fejn joqgħod ir-rikorrent eżekutat, fil-fond numru 59, Triq San Pawl, Valletta, fil-fond bl-isem "Androxa Warehouse", fl-Imrieħel, u fil-fond "Meliton Group Warehouse", fl-Imrieħel. L-eżekuzzjoni saret fit-23 ta' Awissu, 2007, fid-dar tar-rikorrent u fl-4 ta' Settembru, 2007, fil-post tal-Belt Valletta. Bħal fil-każ tal-Mandat ta' Qbid, ir-rikorrent ressaq rikorsi biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-Mandat mill-fondi tal-Imrieħel, iżda l-Qorti ċaħdet it-talbiet u l-eżekuzzjoni. L-eżekuzzjoni tal-Mandat saret fl-imsemmija fondi fl-14 ta' Settembru, 2007;

Illi fit-13 ta' Awissu, 2007, fl-istess jum li l-intimat talab il-ħruġ tal-Mandati fuq imsemmija, ressaq ukoll Rikors Maħluf (Nru. 860/07JRM) li fih talab il-ħatra ta' amministratur provviżorju, talab it-teħid ta' miżuri taħt l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u talab ukoll li l-Qorti tordna l-istralċ tal-kumpannija Meliton Group Limited u taħtar stralċjarju biex imexxi l-proċess meħtieġ ta' stralċ;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ</u> u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[4];

[4] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi r-rikorrent isemmi ħames kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) Il-kawżali li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ [art. 836(1)(a)]. Din id-dispożizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob deċiżjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares b'dak il-Mandat[5]. Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-Mandat jaqa' hekk kif jgħaddi dak iż-żmien. Din hija, normalment, l-unika waħda mis-sitt raġunijiet maħsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat mingħajr ma tagħti smigħ, għaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkun saritx il-kawża jew le[6];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jgħid li l-Mandati in kwestjoni waqgħu għaliex l-azzjoni waħdanija li ressaq l-intimat eżekutant kienet azzjoni ta' stralċ, u azzjoni bħal din tista' titressaq biss dwar kumpannija u mhux kontra persuna fiżika. Għalhekk, billi l-intimat ma fetaħ l-ebda kawża oħra, il-Mandati kawtelatorji msemmija, in kwantu maħruġa kontrih personalment, waqgħu billi għadda ż-żmien;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument tar-rikorrent. Jekk wieħed jifli sewwa l-kawża li fetaħ l-intimat eżekutat, wieħed isib li l-azzjoni tinbena kollha kemm hi fuq l-imġiba tar-rikorrent. L-intimat ressaq l-azzjoni bħala waħda ta' ħarsien tal-interessi tiegħu bħala azzjonist kontra preġudizzju mhux ġust. Fi kliem ieħor, l-azzjoni tal-intimat ma hijiex diretta kontra l-kumpannija, imma konta min (mill-azzjonisti jew diretturi l-oħrajn) skond il-fehma tiegħu qiegħed jaħdem bi ħsara tal-interessi tiegħu fl-istess kumpannija. It-talba għall-istralċ hija mressqa fil-qafas ta' dawk l-allegazzjonjiet. Il-liġi nnifisha[7] tikkontempla l-istralċ bħala waħda mir-rimedji li Qorti tista' tagħti jekk issib li talba taħt l-artikolu 402 tirriżulta mistħoqqa;

---

[5] Ara art. 843(1), 846(1), 849 u 876A tal-Kap 12
[6] Art. 836(2) tal-Kap 12
[7] Art. 402(3)(ġ) tal-Kap 386

Illi l-kawża li ressaq l-intimat saret dak inhar li ressaq magħha l-imsemmija Mandati, u għalhekk ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-intimat naqas li jiftaħ kawża fiż-żmien;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li t-talba tiegħu taħt din il-kawżali hija waħda li hija tista' tilqa';

B) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[8]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrent qiegħed jibni din it-talba wkoll fuq l-allegazzjoni li l-intimat naqas li jressaq fi żmienha kawża dwar il-mertu. Ladarba l-Qorti diġa' sabet li r-rikorrent ma kellux raġun fuq l-ewwel kawżali, lanqas ma tista' tagħtih raġun fuq din;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

[8] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

Ċ) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrent jgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant tinsab fil-ġid kbir ieħor (konsistenti f'assi likwidi) li l-kumpannija għandha u li, dwar il-pretensjonijiet tiegħu, l-intimat ikollu bix-xaba' fuq xiex jesegwixxi l-jeddijiet tiegħu f'każ li jingħata raġun fil-kawża li fetaħ. Donnu jrid li, f'dan ir-rigward, il-Mandati ta' Qbid u ta' Deskrizzjoni għandhom ikunu biżżejjed biex jikkawtelaw l-interessi u l-jeddijiet tal-intimat u m'hemmx għalfejn li jibqa' fis-seħħ ukoll il-Mandat ta' Sekwestru;

Illi huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi f'dan il-każ, jirriżulta li filwaqt li bil-Mandat ta' Deskrizzjoni u bil-Mandat ta' Qbid intlaqtu l-istess ħwejjeġ (li biċċa minnhom huma l-għamara tad-dar fejn jgħix ir-rikorrent u jista' jagħti l-każ li dawn il-ħwejjeġ ma setgħux jinqabdu bil-Mandat[9]), fil-każ tal-Mandat ta' Sekwestru t-tagħrif li jirriżulta hu li s-somom miżmuma mis-sekwestratarji jew huma ftit meta mqabblin mal-pretensjoni tal-intimat fil-Mandati tiegħu, jew ma ssemmewx minħabba li huma kontijiet miżmuma f'isem persuni oħrajn ukoll li ma kinux l-intimati fil-Mandat. F'każ ta' wieħed mis-sekwestratarji, jissemma saħansitra li f'kont bankarju minnhom hemm flejjes li r-rikorrent għandu depożitati flimkien mar-rikorrent. Kif ingħad f'każ bħal dan[10], Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka biex iħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom u mhux bħala għodda biex iweġġgħu jew idejqu bihom lill-parti intimata. Huwa d-dmir ta' min joħroġ aktar minn Mandat wieħed li jsegwi dawk il-Mandati u jżomm biss fis-seħħ dak jew dawk il-Mandati li jkunu biżżejjed biex jibqgħu jagħtu garanzija għall-ħarsien tal-jedd pretiż. Aktar minn hekk, kull Mandat jew biċċa minnu li jitħalla fis-seħħ jkun lil hinn mill-ħtiġijiet li trid il-liġi;

---

[9] Art. 403 tal-Kap 12

[10] Ara P.A. TM **5.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

Illi meta wieħed iqis il-fatti li joħorġu mill-atti ta' dawn il-Mandati, il-Qorti tista' tara li ma jistax jingħad li tirriżulta xi garanzija xierqa oħra minbarra l-Mandati. Lanqas ma jirriżulta li, jekk wieħed jgħodd il-Mandati kollha flimkien, dawn jagħtu stampa ta' xi ammont eċċessiv maqbud bis-saħħa tagħhom jew li xi Mandat minnhom huwa żejjed għall-ħtiġijiet maħsuba fil-liġi biex jitħarsu l-interessi tal-intimat eżekutant;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas fuq din il-kawżali ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandati;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Ir-rikorrent eżekutat isemmi li ladarba l-azzjoni mibdija mill-intimat hija waħda ta' stralċ, tabilfors li m'huwiex ġustifikat li jibqgħu fis-seħħ il-Mandati kif maħruġin kontrih personalment;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11];

Illi r-rikorrent ma jilmentax mill-ammont imsemmi fil-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru bħala eċċessivi fihom infushom, imma biss li ma messhomx inħarġu kontrih fil-

---

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

kwalita' tiegħu personalment. Għar-raġunijiet li l-Qorti diġa' fissret aktar qabel, l-aggravju tar-rikorrent fuq din il-motivazzjoni ma jistax jintlaqa';

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

D) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrent itenni r-raġunijiet miġjuba dwar il-kawżali ta' qabilha. Biex tirnexxi talba taħt din il-kawżali, irid jintwera mad-daqqa t'għajn li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ma jkunx iżjed għaqli jew meħtieġ li l-Mandat jinżamm fis-seħħ bla ebda ħsara għall-pretensjonijiet tal-eżekutant. Biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimati eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas ta' kumpens għad-danni li huma jgħidu li ġarrbu minħabba x-xogħlijiet magħmulin mill-eżekutati Muscat, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[12]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

Illi fil-każ tal-lum, ir-rikorrent jerġa' jqanqal il-kwestjoni li huwa fil-kwalita' tiegħu personali ma kellux x'jaqsam mal-pretensjonijiet tal-intimat. Dan huwa lment li l-Qorti diġa' stħarrġet u ma laqgħetx;

---

[12] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami weġġa' lir- rikorrenti. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mill-kumpannija rikorrenti għat-tneħħija ta' Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrenti jista' jkun li qegħdin iġarrbu ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[13];

[13] Art. 836(9) tal-Kap 12

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandati taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[14]; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimat eżekutant ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent jista' 'l quddiem juri li ġarrab minħabba l-Mandati[15]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandati, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[16]. F'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq tnejn minnhom, jiġifieri dawk iċ-ċirkostanzi maħsubin taħt l-artikolu 836(8)(a) u (d) tal-Kap 12;

Illi ż-żewġ kawżali li sejrin jitqiesu f'dan ir-rigward jitkellmu dwar (a) li l-eżekutant ikun naqas li jressaq il-kawża fil-mertu fiż-żmien li trid il-liġi; u (b) jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tagħmel riferenza l-aktar għal dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar il-kwestjoni. Bla ma terġa' toqgħod tgħid l-istess ħwejjeġ, issib li din ir-raġuni hija kontradetta mill-fatti u b'hekk ma tirriżultax;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrent ukoll jibni din fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimat joħroġ mill-fatt li għaġġel biex ħareġ il-Mandati u tnikker biex fetaħ il-kawża, biex imbagħad, fetaħ kawża li ma tirrigwardahx personalment.

---

[14] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[15] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[16] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutant kellu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandati. Irriżulta wkoll li l-kawża tolqot lir-rikorrent personalment u jrid iwieġeb hu personalment ta' għamilu. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandati nħarġu b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejqu lir-rikorrent;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[17]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[18];

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqas li jressaq xi sottomissjoni partikolari, jew li jsemmi raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tiegħu;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[19]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta'

[17] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[18] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[19] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[20]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[21], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[22] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent Meli *proprio* u *nomine* billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu għaliex ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrent eżekutat.

Mogħti kameralment illum, id-29 ta' Frar, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[20] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[21] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[22] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***